MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 194/2012

**Appell Nru. 194/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin Borg)**
**Vs**
**Khallouf Fatiha**

**Illum 29 ta' Mejju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata [detentrici tal-karta tal-identita` numru 322096(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Dicembru 2000, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga

b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi Lm1000 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u diversi persuni ohra;

2. sabiex tikseb xi vantagg ghaliha nnifisa jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz;

3. bl-iskop li takkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali kemm ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam ma' l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

i. xjentement jew bi traskuragni ghamlet dikjarazzjoni falza jew uriet haga b'ohra;

ii. gabet jew tat jew ikkagunat jew geghlet jew xjentement halliet illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienet taf li kien falz f'haga materjali; jew

iii. bi frodi naqset li tirrapporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali qabel ma irceviet il-hlas xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew tista jkollha konsegwenza materjali fuq ammont jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament;

4. taht l-Att dwar is-Servizzi tal-Impieg u Tahrig:

i. tat xi taghrif li kienet taf f'xi punt important jew minghajr ma kien jimpurta tat xi taghrif li jkun falz f'xi punt important; jew

ii. bil-hsieb li tinganna ipproduciet, tat, bghatet jew xort'ohra ghamlet uzu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt important jew;

iii. ghax riedet, irrifjutat li taghti jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hi ghak-kariga taghha) ma tatx xi taghrif important.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 t'April, 2012, li biha, laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza u ddikjarat l-azzjoni estinat u dan fir-rigward kull reat addebitat lill-appellata.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 t'April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tavrja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Khallouf Fatiha mit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tikkancellaha f'dik il-parti fejn il-Qorti illiberat lill-istess mil-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u wara tghaddi biex issib htija fil-konfront ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma haditx in konsiderazzjoni l-addebitu tar-reat kontinwat, kontemplat taht l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta giet biex tiddetermina it-terminu tal-preskrizzioni, cioe' sabiex tiddetermina liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 ghandu japplika. L-Artikolu 18 jipprovdi illi:
*Meta d-diversi atti maghzulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula h'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi.*

Skond sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Vella, datata 06 ta' Jannar 2012, dik il-Qorti gharfet il-fatt illi hemm gurisprudenza kunfligenti f'dawn ir-rigward. In fatti, dik il-Qorti preliminarjament ghamlet referenza ghas-sentenza il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri, datata 30 ta' Ottubru 2001, fejn dik il-Qorti qalet, fost affarijiet obra, illi *'...anki li kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti nm tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici... Din il-*

*Qorti taghmel taghha wkoll is-sottomssjoni li ghamel l-appellat li Ikontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena Ii altrimenti tkun kumulattiva. . L-artiklu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghaIl-flnijiet tal-preskrizzjoni ”ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett”. Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall—ahhar vjolazzjoni Ii tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu wkoll ikun gie preskritt.'*

Il-Qorti, pero', finalment ghazlet Ii ser issegwi dik il-gurisprudenza Ii hadet pozizzjoni differenti dwar il-preskrizzjoni fir-reat kontinwat peress illi legalment tali pozizzjoni taghmel iktar sens. Din il-gurisprudenza essenzjalment tghid illi '.. .l-artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti; u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dan l-artikolu 689. '

In vista tas-suespost, jidher car illi kuntrarjament ghal dak ii ddecidiet il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet hawn fuq premessi, it-terminu tal-preskrizzjoni fil-fatt ma ghaddiex fil-konfront ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati lill-imputata:

1. L-ewwel imputazzjoni

Skond kif issottomettiet tajjeb id-difiza l-Iigi applikabbli ghall-imputazzjonijiet addebitati lill-imputata hija dik taht l-Att XLIX tal-1984 peress illi dawn l-imputazzjonijiet jirreferu ghall-perjodu bejn 1998 u 2000. Ir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 308 tal-Kap 9 kien suggett ghall-piena ta' prigunerija minn erbgha xhur sa sena. Izda, ai terminu tal-Artikolu 310(1)(a), meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati jeccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500), il-piena ta' prigunerija tizdied bi tnejn jew tliet gradi. Dan ifisser illi r-reat addebitat lill-imputata kien suggett ghall-piena li ma tecedix tliet snin prigunerija. Meta imbaghad jittiehed in konsiderazzjoni wkoll ir-reat kontinwat ikkontemplat taht l-Artikolu 18 tal-Kap 9, din il-

piena tista’ tizdied bi grad jew tnejn ohra b’dan illi l-piena titla’ fil-massimu taghha ghal hames sniri prigunerija. Ghalhekk, f’dan il-kaz hu applikabbli li paragrafu (c) taht l-artikolu 688, u mhux il-paragrafu (d) kif sottomess mid-difiza fin-nota taghha. Il-paragrafu (c) jipprovdi illi *“. . .l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ ghaxar snin ghad-delitti sugetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn disa’ snin u mhux anqas minn erba’ snin;”.* Ir-reati addebiti lill-imputata sehhew bejn l-1 ta’ Jannar 1998 u l-31 ta’ Dicembru 2000 u ghalhekk it-terminu preskrittiv beda jiddekori rnill-31 ta’ Dicembru 2000. Dan it-terminu gie interrot mal-presentata tal-kumpilazzjoni fir-registru tal-Qorti nhar l-20 ta’ April 2007. Dan ifisser illi t-terminu preskrittiv kien ghadu ma ghaddiex fil-konfront ta’ din l-imputazzjoni peress illi kif inghad iktar ‘l fuq it-terminu kien wiehed ta’ ghaxar snin u mhux dak ta’ hames snin.

2. It-tieni imputazzjoni

L-istess jinghad ghat-tieni imputazzjoni ikkontemplata taht l-Artikolu 188 tal-Kap 9. Dan ir-reat kien suggett ghall-piena li ma teccediex sentejn prigunerija. Meta anke hawnhekk jittiehed in konsiderazzjoni ir-reat kontinwat ikkontemplat taht l-Artikolu 18 tal-Kap 9 li piena ravvisata taht l-Artikolu 188 tista’ titla ghal erbgha snin prigunerija. Ghalhekk, f’dan il-kaz ukoll hu applikabbli il-paragrafru (c) taht l-artikolu 688 b’dan illi lanqas it-terminu fil-konfront ta’ din l-imputazzjoni ma kien ghadda.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza kellha l-origini taghha wara ittra tal-hamsa (5) ta’ Dicembru tal-elfejn u sitta (2006) mibghuta minn Mohamed Ahmad lill-Ministeru ghas-Solidarjetà u Politika Socjali fejn allega fost affarijiet ohra illi huwa kellu relazzjoni mal-appellata u minn din ir-relazzjoni kellhom wild barra z-zwieg fis-sbatax (17) ta’ Lulju tal-elf disa’ mija tmienja u disghin (1998). Konsegwenza ta’ hekk l-appellata bdiet tircievi numru ta’ beneficcji socjali. Irrizulta però illi Ahmed u l-appellata kienu jghixu flimkien taht l-istess saqaf mis-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) sas-sena elfejn (2000) kif ukoll li matul dan il-

perjodu Ahmed kien impjegat full time mal-kumpanija S. Gerada Company Limited. Madankollu l-appellata baqghet tiehu dawn il-beneficcji socjali liema beneficcji jammontaw ghas-somma ta’ erbat elef sitt mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4616.24).

Il-kontroversja li qamet f’din il-kawza kienet jekk il-Qorti kellhiex tqis dan ir-reat bhala wiehed kontinwat u tiehu l-ammont globali ta’ beneficcji illi hadet l-appellata jew inkella reat istantanju kull darba li l-appellata kienet tircievi beneficcju minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali liema beneficcju ma kienx jeccedi l-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) fix-xahar.

It-tieni kontroversja tirrigwardja t-terminu preskrittiv kellux dan jitqies fuq il-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett jew inkella fuq iz-zieda tal-gradi li l-ligi tistabilixxi f’certa cirkostanzi.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel kontroversja l-appellata ma taqbilx mal-Avukat Generali meta dan ghaqqad l-ammonti totali u stabilixxa li kien hemm ammont globali ta’ aktar minn elf lira (Lm1,000) meta fil-fatt hija kienet qieghda tircievi sigurtà socjali illi ma kinitx taqbez il-hames mitt lira (Lm500) fix-xahar. Argumentat li jekk kien hemm reat kontinwat dan kellu jkun fuq bazi ta’ mhux anqas minn hames mitt lira (Lm500) u mhux fuq erbat elef sitt mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4616.24) illi ikkalkula l-Avukat Generali. Ikkwotat in sostenn taghha d-decizjoni moghtija mill-appell kriminali fil-kawza Il-Pulizija kontra Peter Borg deciz fit-tmintax (18) ta’ Gunju tal-elfejn u disgha (2009) fejn f’dan il-kaz il-Qorti hadet biss l-oghla valur tal-hsara prokurata u mhux tal-valur komplessiv li potenzjalment seta’ jiggwadanja l-persuna akkuzata.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti thoss illi hemm differenzi kbar bejn il-kaz odjern u dan il-kaz ta’ Peter Borg. F’dan tal-ahhar Borg kien

qieghed ibiegh illegalment cilindri tal-gass wara li huwa ghamel xi modifiki fihom biex ikollhom kontenut inqas minn dak supplit mid-distributuri ordinarji. Kien hemm ammont kbir ta' cilindri stivati fil-garaxx ta' Borg lesti biex jinbieghu u l-Qorti tal-Appell fil-kalkolu tal-piena ma haditx in konsiderazzjoni l-valur ta' dawn ic-cilindri li kienu ghadhom ma nbieghux. F'dan il-kaz is-sitwazzjoni hija differenti. Veru illi l-appellata rceviet beneficcji mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali tul medda ta' zmien f'rati stabbiliti però l-beneficcju u l-gwadann taghha kien wiehed effettiv mhux bhal dak fil-kaz ta' Borg illi kien potenzjali. F'dan il-kaz la darba l-appellata rcevjiet beneficcju **effettiv** huwa dak il-beneficcju kollu li jrid jigi kkalkulat u mhux biss l-ahhar beneficcju rateali illi kien thallas mid-Dipartiment. La darba rrizulta bhala fatt li l-appellata rceviet is-somma ta' erbat elef sitt mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4616.24) avolja dana sar fuq medda ta' zmien, hija din ic-cifra illi ghandha tigi mehuda in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena.

L-appellata hija addebitata illi hija rceviet indebitament dawn l-ammonti bejn l-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tal-elfejn (2000). Dan iz-zmien jaghmel ir-reat wiehed kontinwat kif kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kap 9 li jaghti l-fakultà lill-gudikant li jzid il-piena minn grada sa zewg gradi.

L-appellata mhiex qieghda tikkontesta l-kontinwità ta' dan ir-reat però minhabba din il-fakoltà tal-gudikant illi jaghzel il-grad skont ic-cirkostanzi targumenta illi din iz-zieda m'ghandhiex titqies bhala parti mill-kalkolu ghall-fini tal-preskrizzjoni.
Ikkunsidrat:
Il-preskrizzjoni tizdied skont is-serjetà tar-reat u l-ligi tirrikonoxxi li reat ghandu hafna varjazzjonijiet ta' gravità skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u dawn il-varjazzjonijiet iwasslu dejjem ghal zieda fil-piena bi grad jew tnejn skont il-kalkoli tad-dispost tal-artikolu 31 tal-Kap 9. Insibu, perezempju, li fil-kaz ta' serq ghandna piena ghas-serq semplici u piena ohra ghal diversi varjazzjonijiet

u komputazzjonijiet illi jistghu jsiru taht is-serq aggravat. Issa meta l-artikolu 689 tal-Kap 9 jsemmi l-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett dan ifisser illi l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-piena tar-reat illi l-akkuzat ikun effettivament ikkommetta u ergo ghall-fini tal-preskrizzjoni t-terminu jrid ikun ikkalkulat fuq din il-piena u fuq l-ebda piena ohra aktar jew anqas. Din il-Qorti ghalhekk hija propensa li ssegwi t-taghlim fil-kawza tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vesus Joseph Borg tal-ghaxra (10) ta’ Mejju tas-sena elfejn (2000) fejn fost affarijiet ohra tghid “L-artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m’ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti; u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhiex imsemmija f’dan l-artikolu 689.” Ghalhekk il-kalkolu f’terminu preskrittiv irid jitqies fuq il-piena li ghaliha r-reat ikun originarjament soggett biz-zieda tal-gradi skont ic-cirkostanzi inkluz zieda fil-piena minhabba l-kontinwat.
Ikkunsidrat:
Dana stabbilit il-kalkoli li ghamel l-Avukat Generali ghaz-zmien preskrittiv ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni huwa korretti u l-ewwel zewg akkuzi kellhom ikunu preskrivibbli bl-gheluq ta’ ghaxar (10) snin. Peress illi r-reati addebitati lill-appellata sehhew bejn ewwel (1) ta’ Jannar elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) u l-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru tal-elfejn (2000) f’liema kaz ghalhekk it-terminu preskrittiv beda jiddekorri mill-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru tas-sena elfejn (2000) dan it-terminu gie interrott mal-prezentata tal-kumpilazzjoni fl-ghoxrin (20) ta’ April elfejn u sebgha (2007). Kwindi t-terminu preskrittiv ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet kienu ghadu ma ghaddiex u l-ewwel Qorti ma kellhiex ragun tiddikjara dawn iz-zewg akkuzi preskritti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellata mit-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u tikkancellaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-istess appellata mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tiddikjara dawn iz-zewg imputazzjonijiet bhala mhux preskritti.

Peress illi l-meritu ma giex trattat u qabel ma ssib htija kif talab l-Avukat Generali ser tieqaf hawn u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza bi trattazzjoni dwar il-meritu fuq l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------